**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bonds ekoloġiċi Ewropej"**

*(COM(2021) 391 final — 2021/0191 (COD))*

(2022/C 152/17)

Relatur: **Philip VON BROCKDORFF**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjonijiet | Kunsill, 12.8.2021 |
| | Parlament Ewropew, 13.9.2021 |
| Bażi legali | Artikoli 114 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali |
| Adottata fis-sezzjoni | 23.11.2021 |
| Adottata fil-plenarja | 8.12.2021 |
| Sessjoni plenarja Nru | 565 |
| Riżultat tal-votazzjoni | |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | 123/1/4 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. L-istandard "volontarju" tal-UE għall-bonds ekoloġiċi joħloq sistema sostnuta mit-trasparenza u s-superviżjoni. Taħt tali sistema, il-proġetti li jkunu konformi mat-tassonomija tal-UE ta' attivitajiet sostenibbli jkunu eliġibbli għall-finanzjament, u l-emittenti jkunu jeħtieġu jipprovdu informazzjoni addizzjonali fil-ħin tal-ħruġ, u sussegwentement ikollhom jipprovdu rapporti regolari dwar l-użu tar-rikavati u l-impatt tal-proġett.

1.2. Il-KESE jemmen li l-istandard tal-UE għall-bonds ekoloġiċi għandu wkoll il-potenzjal li jrendi benefiċċji ekonomiċi sinifikanti kemm għall-emittenti kif ukoll għall-investituri bl-istess mod. Dan huwa possibbli minħabba li l-proposta għandha l-għan li toħloq mekkaniżmu universali, kredibbli u simplifikat għall-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi, li jnaqqas l-assimetriji informazzjonali filwaqt li jipprovdi lill-emittenti b'benefiċċji sinifikanti għar-reputazzjoni fil-qafas ta' dan l-istandard.

1.3. Il-KESE jqis li l-allinjament ta' tali bonds mar-Regolament tal-UE dwar it-Tassonomija jagħmilhom ukoll adatti għall-finanzjament ta' attivitajiet ekonomiċi li jappoġġjaw it-tranżizzjoni lejn ekonomiji aktar sostenibbli u dekarbonizzati.

1.4. L-istandard propost jassisti wkoll fit-tnaqqis sinifikanti tal-livelli eżistenti ta' inċertezza rigward it-tipi ta' assi jew ta' nefqiet li jistgħu jiġu kklassifikati b'mod raġonevoli bħala użu ekoloġiku tal-kapital. Madankollu, minħabba l-allinjament imsemmi hawn fuq mat-tassonomija tal-UE, il-KESE huwa tal-fehma li hija meħtieġa gwida ċara min-naħa tal-Kummissjoni biex l-investituri jiġu diretti lejn bonds u proġetti ekoloġiċi tal-UE li jħallu impatt pożittiv fuq l-ambjent.

1.5. Il-KESE huwa tal-fehma li fl-iżvilupp ulterjuri tal-bonds ekoloġiċi bħala klassi ta' assi, huwa meħtieġ li jiġi applikat standard uniformi fl-Istati Membri u li jkun applikabbli għall-emittenti. Madankollu, ma għandhiex tiġi sottovalutata l-isfida tal-emittenti biex jikkonformaw mal-istandards fit-tassonomija tal-UE. Il-probabbiltà hi li, dawn jiżnu l-ispejjeż ta' rieżami estern kontra l-benefiċċji tal-aċċess għal bażi usa' ta' investituri. Jeħtieġ li tiġi evitata sitwazzjoni fejn l-emittenti privati jistgħu jippreferu bonds ekoloġiċi alternattivi u proċessi ta' ċertifikazzjoni inqas onerużi.

1.6. Il-proċeduri proposti ta' rapportar u ta' konformità jista' jkollhom ukoll impatt finanzjarju sproporzjonat fuq l-SMEs, li jistgħu jsibu li l-istandard ekoloġiku tal-UE huwa punittiv wisq, u b'hekk jiskoraġġixxu aktar tkabbir. Dan ukoll jeħtieġ li jiġi evitat u għalhekk il-KESE jirrakkomanda approċċ prammatiku f'termini tar-rekwiżiti ta' superviżjoni u ta' rapportar. Jekk jiġu evitati preskrizzjoni żejda u regolamentazzjoni żejda, inkluż fil-każ ta' emittenti korporattivi, tiġi ffaċilitata l-adozzjoni tal-istandard tal-UE għall-bonds ekoloġiċi fis-swieq kapitali. Fl-ekonomiji ta' dekarbonizzazzjoni, l-attivitajiet tal-emittenti korporattivi jitqiesu importanti daqs il-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi tal-Kummissjoni, u l-KESE huwa tal-fehma li l-istandards applikati għall-bonds ekoloġiċi maħruġa kemm mis-settur pubbliku kif ukoll mill-emittenti korporattivi jeħtieġ li jikkonverġu.

1.7. Sa fejn huma kkonċernati l-emittenti ta' bonds ekoloġiċi mhux tal-UE, il-KESE huwa tal-fehma li l-aċċess għas-swieq kapitali tal-UE u viċi versa għandu jkun ibbażat fuq l-allinjament tat-tassonomiji bejn il-ġuriżdizzjonijiet globalment. Fil-fehma tal-KESE, dan huwa ta' rilevanza partikolari peress li l-isfidi ambjentali bħat-tibdil fil-klima ma jistgħux jiġu indirizzati mill-UE waħedha. Sakemm ma jkunx hemm xi bażi komuni dwar l-allinjament tat-tassonomija ma' pajjiżi terzi, ir-Regolament propost tal-Kummissjoni dwar standard volontarju għall-bonds ekoloġiċi x'aktarx li ma jsirx standard għas-suq globali tal-bonds ekoloġiċi. Il-Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Finanzi Sostenibbli għandu jkollha rwol ewlieni biex tipprovdi din il-bażi komuni billi taġixxi bħala forum għal djalogu bejn dawk li jfasslu l-politika.

1.8. Fl-aħħar nett, il-KESE jilqa' r-rekwiżit skont it-tassonomija tal-UE għall-investimenti biex jiġu ssodisfati l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u s-salvagwardji minimi, minħabba l-ħtieġa kontinwa li tingħata prijorità lit-trasformazzjoni ekoloġika flimkien mal-protezzjoni soċjali u s-salvagwardja tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ħaddiema. Madankollu, dan jista' jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tal-allinjament tat-tassonomija ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari jekk tali ġuriżdizzjonijiet ma jissodisfawx il-kriterji tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" bħar-rikonoxximent tad-drittijiet ta' negozjar kollettiv. Għal dan il-għan, il-KESE jipproponi kumitat ta' monitoraġġ speċifiku biex jissorvelja d-dinamika tas-suq tal-bonds ekoloġiċi, bl-involviment tal-imsieħba soċjali.

## 2. **Kummenti ġenerali**

2.1. Fis-6 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppproponiet Regolament ġdid dwar Standard Volontarju Ewropew għall-Bonds Ekoloġiċi. Ir-Regolament propost għandu l-għan li jagħmel is-sistema finanzjarja tal-UE aktar sostenibbli billi joħloq sistema monetarja awrea għall-bonds ekoloġiċi li tista' titqabbel ma' standards oħra tas-suq, u potenzjalment tiġi allinjata magħhom.

2.2. L-istandard għall-bonds ekoloġiċi jkun miftuħ għall-emittenti kollha ta' bonds ekoloġiċi, inklużi emittenti privati, pubbliċi u sovrani, u jinkludi emittenti li jinsabu barra mill-UE.

2.3. Il-qafas propost jistabbilixxi standard volontarju għal kif il-kumpaniji u l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jużaw bonds ekoloġiċi biex jiġbru fondi fis-swieq kapitali għall-finanzjament ta' proġetti.

2.4. L-istandard jeħtieġ li l-emittenti jallokaw ir-rikavati kollha mill-ħruġ għal attivitajiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament tal-UE dwar it-Tassonomija (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) sad-data tal-maturità tal-bond. Dan jistabbilixxi l-objettivi ambjentali, il-kriterji tal-iskrinjar u l-limiti tal-prestazzjoni għall-attivitajiet ekonomiċi. Attività ekonomika titqies konformi jekk: (a) tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għal wieħed jew aktar mill-objettivi ambjentali; (b) ma tagħmel l-ebda ħsara sinifikanti lil objettivi ambjentali oħra; u (c) tikkonforma ma' salvagwardji soċjali u ta' governanza.

2.5. Il-bonds ekoloġiċi tal-UE jgħinu biex jiġi indirizzat il-finanzjament ta' proġetti fit-tul (sa 10 snin) sakemm tali proġetti jkunu allinjati mal-objettivi ambjentali tar-Regolament dwar it-Tassonomija.

2.6. Il-bonds ekoloġiċi tal-UE jkunu soġġetti għal rieżami estern biex jiġi żgurat li jkunu konformi mar-rekwiżiti msemmija hawn fuq, b'mod partikolari l-allinjament tat-tassonomija tal-proġetti. Skont il-proposta, ir-rieżaminaturi esterni jiġu rreġistrati mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq u se jkollhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni fuq bażi regolari.

2.7. Fil-każ li wara l-ħruġ ta' bonds jinbidlu l-kriterji tekniċi tal-iskrinjar tat-tassonomija tal-UE fil-qafas tar-Regolament dwar it-Tassonomija, il-proposta tippermetti li l-emittenti jkomplu jikkwalifikaw abbażi tal-kriterji preeżistenti għal ħames snin oħra. Madankollu, il-KESE huwa tal-fehma li ladarba bond jikkwalifika bħala "ekoloġiku" mal-ħruġ, ir-regoli għall-allokazzjoni tar-rikavati m'għandhomx jinbidlu. Għalkemm fil-prattika l-kriterji ta' skrinjar tat-tassonomija jinbidlu u l-bond ma jibqax jissodisfa l-kriterji l-ġodda, jenħtieġ li l-bond jibqa' "ekoloġiku" għat-terminu kollu sal-maturità. Dan għandu jikkontribwixxi għal swieq stabbli tal-bonds ekoloġiċi.

2.8. Il-proposta għandha wkoll l-għan li ttejjeb il-fiduċja u s-salvagwardji tal-investituri, u li tnaqqas ir-riskji ta' proġetti ffinanzjati minn bonds ekoloġiċi li ma jilħqux l-objettivi ambjentali fil-mira. L-emittenti ta' tali bonds ikunu meħtieġa jwettqu rapportar regolari.

([1]) Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

2.9. Għandha tkun obbligatorja "skeda informattiva dwar il-bonds ekoloġiċi" li tistabbilixxi l-objettivi ta' finanzjament definittivi tal-ħruġ u din l-iskeda informattiva tkun soġġetta għal "rieżami ta' qabel il-ħruġ" minn rieżaminatur estern irreġistrat biex jiġi żgurat li l-bond jissodisfa r-rekwiżiti tal-istandard għall-bonds ekoloġiċi.

2.10. L-emittenti tal-bonds ekoloġiċi jkunu meħtieġa wkoll jippubblikaw rapporti annwali li juru kif ir-rikavati mill-ħruġ tal-bonds huma allinjati mat-tassonomija tal-UE.

2.11. Ladarba r-rikavati kollha mill-bejgħ ta' bonds ekoloġiċi jkunu ġew allokati (li jrid iseħħ qabel il-maturità tal-bonds), l-emittent ikun meħtieġ jikseb "rieżami ta' wara l-ħruġ". Għal ċerti emittenti (bħal xi istituzzjonijiet finanzjarji), dan se jkun rekwiżit annwali.

2.12. Se jkun hemm ukoll rekwiżit li jiġi ppubblikat mill-inqas rapport wieħed dwar l-impatt ambjentali ġenerali tal-bond.

## 3. **Kummenti speċifiċi**

3.1. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal standard tal-Unjoni Ewropea għall-bonds ekoloġiċi tiġi fi żmien meta d-domanda għal bonds ekoloġiċi qed tiżdied fl-UE. Madankollu, il-ħruġ attwali ta' bonds ekoloġiċi fl-UE għadu jirrappreżenta biss 2,6 % tal-ħruġ totali ta' bonds tal-UE, u għalhekk għad hemm opportunità sinifikanti għat-tkabbir. Pereżempju, fit-tieni trimestru tal-2021, il-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi fl-UE żdied b'madwar 30 % meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2020, li jirrifletti t-trajettorja tat-tkabbir f'dan il-qasam ([2]).

3.2. Minkejja dan, qed jiżdied it-tħassib dwar il-firxa vera tal-benefiċċji ambjentali li jirriżultaw minn proġetti ffinanzjati mill-ħruġ ta' tali bonds. It-terminu li jiddeskrivi dan it-tħassib huwa "greenwashing", li jirrifletti l-kredenzjali ambjentali, li xi drabi jkunu inċerti, ta' proġetti li jkunu ffinanzjati permezz ta' bonds ekoloġiċi. Dan joħloq problema ta' kredibbiltà għall-emittenti li qegħdin ifittxu li jistabbilixxu r-reputazzjoni ambjentali tagħhom, u asimmetrija fl-informazzjoni għal investituri li, *ex ante*, jistgħu jiffaċċjaw problemi biex jidentifikaw proġetti ġenwini li huma ambjentalment sostenibbli.

3.3. Il-problema tinsab fil-fatt li l-bonds ekoloġiċi huma l-istess bħall-bonds l-oħra kollha: id-differenza hija li r-rikavati mill-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi jintużaw għal proġett li jissodisfa ċerti kriterji ambjentali stabbiliti minn qabel. Fil-każ ta' inadempjenza, u bħal fi kwalunkwe ħruġ ta' bonds, l-investitur tipikament jirrikorri għall-karta tal-bilanċ kollha tal-emittent. Il-valur addizzjonali għall-investitur jinkiseb miż-żamma ta' bond li jissodisfa objettivi sostenibbli jew ambjentali. Madankollu, il-kwistjoni hawnhekk hija li d-definizzjonijiet ta' attivitajiet sostenibbli jvarjaw bejn il-ġuriżdizzjonijiet fl-UE. Għalhekk, huwa pjuttost impossibbli li jitqabblu l-impatti tal-proġetti bejn il-ġuriżdizzjonijiet, u spiss, bejn ir-reġjuni fi Stat Membru.

3.4. Hemm ukoll kwistjoni relatata mar-rapportar dwar l-użu tar-rikavati. Il-problemi bid-divulgazzjoni u l-komunikazzjoni ta' informazzjoni mill-emittent lill-investituri dwar l-użu tar-rikavati għandhom it-tendenza li jkunu aktar evidenti fi Stati Membri fejn fil-futur se tkun meħtieġa l-biċċa l-kbira tal-investiment b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

3.5. L-istandard tal-UE għall-bonds ekoloġiċi għandu l-għan li jindirizza dawn il-problemi billi joħloq sistema abbażi tat-trasparenza u s-superviżjoni. Taħt tali sistema, il-proġetti li huma konformi mat-tassonomija tal-UE ta' attivitajiet sostenibbli biss ikunu eliġibbli għall-finanzjament, u l-emittenti jkollhom jipprovdu informazzjoni addizzjonali fil-ħin tal-ħruġ, u sussegwentement ikollhom jipprovdu rapporti regolari dwar l-użu tar-rikavati u l-impatt tiegħu. Barra minn hekk, rieżaminaturi esterni li huma ssorveljati mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) biss se jitħallew jiffirmaw bond ekoloġiku tal-UE. Madankollu, il-KESE jwissi kontra l-konċentrazzjonijiet tas-suq biex l-ispejjeż tar-rieżaminaturi esterni jinżammu taħt kontroll. Pereżempju, proċess ta' reġistrazzjoni sempliċi u bla xkiel jista' jinkoraġġixxi l-kompetizzjoni f'dan il-qasam u dan ma jikkompromettix l-għarfien jew il-kwalità tar-rieżaminaturi.

3.6. L-istandard tal-UE għall-bonds ekoloġiċi għandu wkoll il-potenzjal li jrendi benefiċċji ekonomiċi sinifikanti kemm għall-emittenti kif ukoll għall-investituri. Attwalment, il-kwistjonijiet dwar il-kredibbiltà u l-asimmetriji informazzjonali joħolqu spejjeż addizzjonali għall-partijiet kollha involuti, u l-emittenti jfittxu li jistabbilixxu l-kredenzjali tagħhom permezz ta' diversi sforzi għaljin, inklużi proċeduri ta' rieżami esterni għaljin u aktar rapportar, filwaqt li l-investituri jistgħu jwettqu sforzi ta' tiftix addizzjonali sabiex jidentifikaw b'mod adegwat opportunitajiet ta' investiment sostenibbli xierqa. Il-bond ekoloġiku propost tal-UE joħloq mekkaniżmu universali, kredibbli u simplifikat għall-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi, li jnaqqas l-assimetriji informazzjonali filwaqt li jipprovdi benefiċċji sinifikanti għar-reputazzjoni lill-emittenti skont dan l-istandard.

---

([2]) Inizjattiva dwar il-Bonds Klimatiċi (2021). Diżaggregazzjoni reġjonali tal-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi, skont il-volum tal-ħruġ.

3.7. Il-bonds ekoloġiċi Ewropej li huma allinjati mar-Regolament dwar it-Tassonomija tal-UE huma adattati sew għall-finanzjament ta' attivitajiet ekonomiċi li jappoġġjaw it-tranżizzjoni lejn ekonomiji aktar sostenibbli u dekarbonizzati. Il-bonds ekoloġiċi għandhom jitqiesu bħala preferenza primarja, u għandhom jinħolqu inċentivi adatti sabiex is-sistema finanzjarja tal-UE tkun tabilħaqq "ekoloġika".

3.8. Il-proposta tippermetti wkoll lill-kumpaniji bbażati fl-UE joħorġu bond ekoloġiku Ewropew biex jakkwistaw jew jibnu assi allinjat mat-tassonomija tal-UE, bħal bini ġdid effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Għalhekk, dan jippermetti lill-kumpaniji jżidu s-sehem tagħhom ta' assi allinjati mat-tassonomija. Madankollu, dan għandu jikkunsidra wkoll l-ispejjeż soċjali assoċjati, inklużi s-sensji kollettivi.

3.9. L-istandard propost jassisti wkoll fit-tnaqqis sinifikanti tal-livelli eżistenti ta' inċertezza rigward it-tipi ta' assi jew ta' nefqiet li jistgħu jiġu kklassifikati b'mod raġonevoli bħala użu ekoloġiku tal-kapital, minħabba l-allinjament imsemmi hawn fuq mat-tassonomija tal-UE, b'hekk tinħoloq aktar fiduċja fis-suq tal-bonds ekoloġiċi u jgħin biex tingħata spinta ulterjuri lit-tkabbir u lill-investiment f'dan il-qasam emerġenti u l-integrazzjoni tal-finanzi ekoloġiċi. Biż-żmien, l-istandard tal-UE għall-bonds ekoloġiċi jista' jsir effettiv, iżda hija meħtieġa gwida min-naħa tal-Kummissjoni biex l-investituri jiġu diretti lejn bonds u proġetti ta' kwalità ogħla, li verament għandhom impatt pożittiv fuq l-ambjent, kif ukoll biex tinħoloq klassi ġdida ta' assi fis-suq kapitali fl-UE. Il-prospett ta' tali gwida huwa raġuni oħra għaliex din il-proposta hija milqugħa.

3.10. F'dan l-isfond, il-bonds ekoloġiċi jsiru komponent fundamentali għall-finanzjament tat-tranżizzjoni għal livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-UE. Il-bonds ekoloġiċi tipikament ikollhom tul ta' żmien twil b'kapital li jitħallas lura meta l-bond jimmatura, kif inhu meħtieġ għal proġetti infrastrutturali kbar. Filwaqt li l-użu tat-tikketta tal-UE għall-bonds ekoloġiċi jkun volontarju, l-investituri għandhom kull inċentiv biex jużawha fl-isforzi tagħhom biex jimmobilizzaw il-kapital għal proġetti b'benefiċċji ambjentali viżibbli. Dan fih innifsu diġà huwa vantaġġ importanti iżda l-vantaġġ ewlieni huwa l-istandard innifsu, li jipprovdi punt ta' riferiment għall-assi ekoloġiċi fis-suq kapitali. Dan huwa mistenni li jkompli jiżviluppa l-bonds ekoloġiċi bħala klassi ta' assi, li jippermetti lill-investituri jidentifikaw kurva tar-rendiment speċifika għal strumenti ta' dejn ekoloġiku. Jekk wieħed jassumi standard uniformi fl-Istati Membri li jkun applikabbli għall-emittenti, il-fondi ta' bonds ekoloġiċi u l-forniment ta' self bankarju ekoloġiku jistgħu jgħinu fil-mobilizzazzjoni ta' fondi addizzjonali biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju. Dan ikun iffaċilitat aktar, ukoll abbażi tas-suppożizzjoni li l-ipprezzar tas-self ekoloġiku huwa raġonevoli biżżejjed.

3.11. Il-bond ekoloġiku tal-UE jista' jirriżulta wkoll f'punt ta' riferiment għal bonds ekoloġiċi fi swieq barra mill-UE, kif kien il-każ għall-fondi ta' investiment għall-konsumatur. Fil-fatt, l-UE stabbiliet lilha nfisha bħala mexxejja globali fil-qasam (51 % tal-ħruġ globali fl-2020 kien ġej minn kumpaniji u korpi pubbliċi tal-UE) u l-istandard għall-bonds ekoloġiċi jiġġenera opportunitajiet ulterjuri għal finanzjament sostenibbli għall-investituri tal-UE minn swieq internazzjonali.

3.12. Huwa importanti li jiġi stabbilit standard għall-bonds ekoloġiċi. Madankollu, wieħed ma għandux jissottovaluta l-isfida tal-emittenti biex jikkonformaw mal-istandards fit-tassonomija tal-UE. X'aktarx, dawn jiżnu l-ispejjeż u l-kumplikazzjonijiet ta' proċess twil ta' rieżami estern approvat u ssorveljat mill-ESMA kontra l-benefiċċji li jaċċessaw bażi usa' ta' investituri. Għalhekk, l-emittenti privati jistgħu jippreferu bonds ekoloġiċi alternattivi u proċessi ta' ċertifikazzjoni inqas onerużi. Dawn il-proċessi ta' rapportar u ta' konformità jista' jkollhom ukoll impatt finanzjarju sproporzjonat fuq l-SMEs, li jistgħu jsibu li l-istandard ekoloġiku tal-UE huwa punittiv wisq, u b'hekk jiskoraġġixxu aktar tkabbir. L-esperjenza tal-prodotti tas-suq kapitali fl-UE kollha, fejn l-adozzjoni ma kinitx daqshekk inkoraġġanti, tista' titfa' dawl fuq l-interess potenzjali fil-bonds ekoloġiċi tal-UE.

3.13. Għalhekk, jeħtieġ li s-superviżur tal-UE jimplimenta l-istandard għall-bonds ekoloġiċi kemm jista' jkun b'mod prammatiku. Għalkemm il-Kummissjoni se tkun l-emittent ewlieni ta' bonds ekoloġiċi b'EUR 250 biljun matul it-tliet snin li ġejjin fil-qafas tan-NextGenerationEU, bl-Istati Membri joħorġu total ta' madwar EUR 80 biljun bonds ekoloġiċi, ir-rwol tas-settur privat fil-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi ma jistax jitnaqqas. Jekk jiġu evitati preskrizzjoni żejda u regolamentazzjoni żejda fil-każ ta' emittenti korporattivi, tiġi ffaċilitata l-adozzjoni tal-istandard għall-bonds ekoloġiċi fis-swieq kapitali fl-UE. Madankollu, hija meħtieġa nota ta' kawtela. Skont il-proposta, bonds ekoloġiċi maħruġa mis-settur pubbliku fl-Istati Membri ma jkunux soġġetti għal reviżjoni esterna kif prevista f'din il-proposta. Għalkemm l-emittenti tas-settur pubbliku xorta jkunu jridu jagħtu rendikont lill-investituri tal-bonds, minħabba l-impenji min-naħa tal-Istati Membri lejn tranżizzjoni b'livell baxx ta' karbonju, l-applikazzjoni tal-istandard tal-bonds ekoloġiċi tal-UE b'mod ġenerali tiggarantixxi dan l-impenn. Min-naħa l-oħra, jekk jiġu permessi żewġ tipi ta' bonds ekoloġiċi (wieħed għas-settur pubbliku u wieħed għall-emittenti korporattivi), dan jista' jirriżulta f'mill-inqas żewġ standards differenti.

3.14. Kwistjoni oħra li jeħtieġ li tiġi indirizzata hija kif l-emittenti mhux tal-UE ta' bonds ekoloġiċi jitħallew jaċċessaw is-swieq kapitali tal-UE u viċi versa – għalhekk, jinħtieġ l-allinjament tat-tassonomiji bejn il-ġuriżdizzjonijiet globalment. F'dan il-kuntest, huwa rilevanti li ssir referenza għall-Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Finanzi Sostenibbli, li hija forum għal djalogu bejn dawk li jfasslu l-politika, bil-għan ġenerali li jiżdied l-ammont ta' kapital privat li qed jiġi investit f'investimenti ambjentalment sostenibbli. L-objettiv aħħari tal-Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Finanzi Sostenibbli huwa li tiffaċilita l-mobilizzazzjoni tal-kapital privat lejn investimenti ambjentalment sostenibbli. Għalhekk, il-Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Finanzi Sostenibbli toffri forum multilaterali ta' djalogu bejn dawk li jfasslu l-politika biex tgħin lill-investituri jidentifikaw u jaħtfu opportunitajiet ta' investiment sostenibbli li verament jikkontribwixxu għall-objettivi klimatiċi u ambjentali. L-allinjament tat-tassonomiji għandu jiġi diskuss u miftiehem f'dan il-forum.

3.15. Kif iddikjarat qabel, l-ESMA, bħala s-superviżur tas-suq kapitali tal-UE, ikollha rwol kritiku biex jiġi żgurat li l-istandards proposti jiġu applikati, b'mod kemm jista' jkun prammatiku. Dan ikun jeħtieġ l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċità tagħha bħala superviżur tar-rieżaminaturi tal-bonds ekoloġiċi tal-UE. Il-Kummissjoni tistabbilixxi l-kriterji għall-kwalifiki u t-trasparenza u dawn jirrappreżentaw bażi soda għall-ESMA. Fil-fehma tagħna, hekk kif l-ESMA tibni l-kapaċità tagħha, hija biż-żmien tista' tappoġġja lill-kontropartijiet tagħha barra mill-UE biex japplikaw standards simili u b'hekk tiffaċilita l-aċċess għall-investituri tal-UE fi swieq emerġenti.

3.16. Punt ieħor li għandu jitqies huwa li t-tranżizzjoni lejn ekonomija tal-UE b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju se teħtieġ finanzjament ferm akbar minn dak li huwa disponibbli taħt in-NextGenerationEU. Is-settur privat diġà qed jaqdi rwol f'din it-tranżizzjoni iżda hemm bżonn ta' ħafna aktar. B'hekk, l-istandard propost tal-UE għall-bonds ekoloġiċi jkompli jiżviluppa suq tal-bonds ekoloġiċi li qed jikber u jimmobilizza emittenti addizzjonali minbarra li jiffaċilita l-finanzjament transfruntier fis-swieq kapitali. Fl-analiżi finali, l-istandard propost għall-bonds ekoloġiċi jtejjeb ir-reputazzjoni tal-emittenti u tal-investituri potenzjali u l-impenn tagħhom għall-iżvilupp sostenibbli u għall-għanijiet ambjentali, jiġifieri: il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, it-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari, ir-riċiklaġġ, il-prevenzjoni tal-iskart, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, u l-protezzjoni ta' ekosistemi b'saħħithom. Għalhekk, l-objettivi ambjentali u soċjali rilevanti jiffurmaw parti minn kwalunkwe strateġija korporattiva. Barra minn hekk, il-promozzjoni ta' ekotikketta tal-UE għall-prodotti finanzjarji, tnaqqas kemm jista' jkun il-burokrazija u tgħin biex jiġu appoġġjati n-negozji privati li jagħżlu li jadottaw strateġija bħal din.

3.17. Maż-żmien, il-KESE jistenna li l-investituri jagħżlu standards tal-UE għall-bonds ekoloġiċi, peress li dan jiżgura li l-fondi jintużaw skont it-tassonomija, li min-naħa tagħha ttaffi r-rekwiżiti tar-rapportar tal-investituri. Għalhekk, l-għan għandu jkun l-adozzjoni tal-istandard propost għall-bonds ekoloġiċi fl-UE, kemm jekk fis-settur privat kif ukoll jekk f'dak pubbliku.

3.18. U f'dan ir-rigward, il-KESE jilqa' l-fatt li l-bonds ekoloġiċi eżistenti jiġu koperti minn klawżola ta' anterjorità fil-qafas tal-istandard propost, kif ukoll l-applikazzjoni eventwali ta' tali standards għall-bonds tan-NextGenerationEU. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li l-bonds ekoloġiċi allinjati mat-tassonomija jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali. Barra minn hekk, l-aspettattiva tagħna hija li l-istandard tal-UE għall-bonds ekoloġiċi se jżid l-interess tal-investituri f'investimenti bħal dawn, filwaqt li jkompli jiżviluppa s-suq tal-bonds ekoloġiċi. Filwaqt li din hija aħbar tajba għall-emittenti u l-investituri, il-KESE jwissi kontra l-isfidi msemmija aktar 'il fuq.

3.19. Jekk wieħed jassumi li 'l quddiem il-proposta tiġi adottata kif inhi, ikun interessanti li jiġi vvalutat (i) sa liema punt l-investituri, kemm fl-UE kif ukoll barra minnha, jitolbu li l-emittenti jallinjaw mal-istandards proposti jew jekk il-proposta tirriżultax f'diverġenza fis-suq tal-bonds ekoloġiċi bejn l-UE u l-bqija tad-dinja, u (ii) kif l-implimentazzjoni proposta tal-istandard tal-UE għall-bonds ekoloġiċi taffettwa l-iżviluppi fis-suq tal-bonds ekoloġiċi fl-UE kif ukoll barra minnha.

3.20. Fil-fehma tal-KESE, dan huwa ta' rilevanza partikolari peress li l-isfidi ambjentali bħat-tibdil fil-klima ma jistgħux jiġu indirizzati mill-UE waħedha. Sakemm ma jkunx hemm xi bażi komuni dwar l-allinjament tat-tassonomija ma' pajjiżi terzi, ir-Regolament propost tal-Kummissjoni dwar standard volontarju għall-bonds ekoloġiċi x'aktarx li ma jsirx standard għas-suq globali tal-bonds ekoloġiċi. Dan jirriżulta fi swieq kapitali frammentati, u possibbilment l-emittenti ta' pajjiżi terzi ma jadottawx l-istandards proposti tal-Kummissjoni. Dan jista' jżomm lura l-fluss tal-fondi meħtieġa biex jiġu indirizzati sfidi ambjentali kbar, b'mod partikolari t-tibdil fil-klima.

3.21. Fl-aħħar nett, il-KESE jilqa' r-rekwiżit skont it-tassonomija tal-UE għall-investimenti biex jiġu ssodisfati l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u s-salvagwardji minimi, minħabba l-ħtieġa kontinwa li tingħata prijorità lit-trasformazzjoni ekoloġika flimkien mal-protezzjoni soċjali u s-salvagwardja tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ħaddiema. Madankollu, dan jista' jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tal-allinjament tat-tassonomija ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari jekk tali ġuriżdizzjonijiet ma jissodisfawx il-kriterji tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" bħar-rikonoxximent tad-drittijiet ta' negozjar kollettiv. Għal dan il-għan, il-KESE jipproponi kumitat ta' monitoraġġ speċifiku biex jissorvelja d-dinamika tas-suq tal-bonds ekoloġiċi, bl-involviment tal-imsieħba soċjali.

Brussell, it-8 ta' Diċembru 2021.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*